MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 165/2008

**Il-Pulizija**

**v.**
**-- *omissis*--**
**PC 145 Sandro Mamo**
**PC 99 Mario Portelli**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b’att ta’ citazzjoni kontra PC 1459 Mark Anthony Buttigieg, PC 145 Sandro Mamo u PC 99 Mario Portelli talli fit-8 ta’ Awissu 2002, bejn it-tlieta u l-erbgha ta’ filghodu, gewwa Triq Santu Wistin, Paceville u gewwa l-istabbiliment *Fuego* li jinsab fl-istess triq:

1. attakkaw u ghamlu vjolenza b’resistenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu fl-esekuzzjoni tal-ligi, u cioe` fuq il-persuni ta’ PC 908 G.

Grixti, PC 1563 M. Micallef, PC 922 V. Medati, PC 112 O. Vella bi ksur ta’ l-Artikolu 96 tal-Kap. 9;

2. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew sabiex jingurjaw jew jheddu jew jaghmlu offiza fuq persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz, u cioe` fuq l-istess membri tal-pulizija msemmija fl-ewwel imputazzjoni, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kap. 9;

3. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Simon Bartolo minn Marsascala bi ksur tal-Artikoli 221 tal-Kap. 9;

4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta’ David Gaffarena, Simon Bonello, Mario Barbara, Pierre Pace, Mark Grima, PC 1563, PC 922, PC 908 u PC 112 sabiex jaghmlulhom hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(*d*) tal-Kap. 9;

5. imbuttaw lill-istess persuni hawn fuq imsemmija sabiex iweggghawhom jew jinsulentawhom, bi ksur tal-Artikolu 339(l)(*l*) tal-Kap. 9;

6. ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid, u cioe` lill-persuni hawn aktar ‘l fuq imsemmija, bi ksur tal-Artikolu 339(1)(*e*) tal-imsemmi Kodici;

7. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ggieldu jew irraggghu ma’ haddiehor b’mod li jista’ jdejjaq jew jaghmel hsara lil terzi persuni li kienu fil-vicin, bi ksur tal-Artikolu 338(*r*) tal-Kap. 9;

8. kissru l-bon-ordni u l-paci pubblika, bi ksur tal-Artikolu 338(*dd*) tal-Kap. 9;

9. waqt li kienu xurbana, qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew ghamlu atti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, bi ksur ta’ l-Artikolu 338(*bb*) tal-Kap. 9;

10. ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ persuni ordnati [recte: inkarigati] minn servizz pubbliku jew ma hallewx jew fixklu lill-ufficjali tal-pulizija hawn aktar ‘l fuq imsemmija waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b’xi mod indahlu f’xogholhom, bi ksur tal-Artikolu 338(*ee*) tal-Kap. 9;

11. bhala ufficjali pubblici, u cioe` bhala membri tal-Korp tal-Pulizija, ghamlu dan hawn fuq indikat meta kellhom jissorveljaw biex dawn ir-reati ma jsirux, jew minhabba l-kariga taghhom kellhom id-dmir li jimpedixxu milli jsiru l-

istess reati, u dan bi ksur tal-Artikolu 149 [recte: 141] tal-Kodici Kriminali (Kap. 9);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Mejju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lil imputati mill-ewwel, tieni, tielet, raba', hames u disa' imputazzjonijiet, izda sabithom hatja skond is-sitt, seba', tmien, ghaxar u hdax-il imputazzjonijiet u kkundannat lil kull wiehed minnhom multa ta' erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (Euro465.87);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Sandro Mamo, minnu pprezentat fit-28 ta' Mejju 2008, li permezz tieghu l-imsemmi Mamo talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha kif ukoll minn kull piena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Portelli, ukoll prezentat fit-28 ta' Mejju 2008, li permezz tieghu l-imsemmi Portelli ukoll talab ir-riforma tas-sentenza appellata b'mod li huwa jigi liberat minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2008; ikkunsidrat:

Din il-Qorti tibda biex tosserva li mit-tliet imputati li nstabu hatja mill-Qorti Inferjuri, tnejn biss appellaw. Inoltre l-appell hu neccessarjament limitat ghall-imputazzjonijiet 6, 7, 8, 10 u 11 – imputazzjonijiet li lkoll jipotizzaw kontravvenzjonijiet u mhux delitti, u dan minkejja l-aggravju generali kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

L-appellant Sandro Mamo ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghax fil-fatt ma kien hemm ebda provi li a bazi taghhom dik il-qorti setghet issibu hati tal-imputazzjonijiet li taghhom effettivament sabitu hati. It-tieni aggravju hu dwar il-piena, li huwa jqis li kienet eccessiva, tenut kont anke tat-trapass taz-zmien. L-appellant l-iehor, cioe` Mario Portelli, ghandu aggravju wiehed li hu, in sostanza, li skond il-provi prodotti huwa

kellu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha. Ghalhekk iz-zewg appelli jirrikjedu li din il-Qorti tezamina mill-gdid il-provi kollha prodotti.

Ezaminati bl-akbar reqqa dawn il-provi, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament sostanzjalment tajjeb ta’ dak li gara. L-unika riserva li ghandha din il-Qorti (u dan fir-rigward taz-zewg appellanti) hi dwar l-imputazzjoni numru sitta: ghalkemm jirrizulta li xi hadd mill-imputati (li allura kienu tlieta) indirizza lill-pulizija tal-*mobile* li gew fuq il-post bhala “purcinelli”, mill-provi ma jirrizultax min minnhom qal dan il-kliem. Kif ser jigi spjegat aktar ‘l quddiem, din il-Qorti sejra wkoll tillibera lill-appellant Mamo mill-imputazzjoni numru ghaxra. Mill-bqija din il-Qorti m’ghandhiex dubbju li wara li nqala’ l-ewwel incident fl-istabbliliment in kwistjoni u t-tliet imputati hargu (jew gew mahruga) barra, dawn “ikkonfrontaw” lill-*bouncers* ta’ l-istabbliliment biex jippruvaw jiehdu sodisfazzjon ta’ dak li gara u specjalment ghala wiehed minnhom (l-appellant Mamo) kien gie f’xi hin mwegga’ minn wiehed minn dawn il-*bouncers*. F’dan il-konfront kien hemm hafna tixjir ta’ l-idejn u imbuttar – bazikament glied – u li, ghalkemm ma jinkwadrax fl-imputazzjonijiet l-ohra, certament jinkwadra kemm fl-imputazzjoni numru sebgha kif ukoll fl-imputazzjoni numru tmienja. Jigi pprecizat li, kif osservat ben tajjeb l-ewwel qorti, ix-xhieda tista’ tghid kollha tal-prosekuzzjoni li kienu f’xi hin prezenti fuq il-post tal-incident meritu ta’ l-imputazzjonijiet – incident li jinqasam f’zewg stadji, cioe` qabel ma gew il-pulizija tal-*mobile* u wara li gew dawn il-pulizija – dawn kollha taw deposizzjonijiet “imbengla” biex jippruvaw jaghmlu hsara mill-anqas lill-imputati. Hekk, per ezempju, Simon Bonello jiddeskrivi l-ewwel konfrontazzjoni bejn it-tliet imputati minn naha u l-*bouncers* min-naha l-ohra, f’dawn il-kliem newtri kemm jista’ jkun:

**“Q. Min beda jimbotta?**
**“Xhud: Bejniethom, biex jaraw ghal xhiex u hekk…**
**….**
**“Xhud:…Issa wiehed minnhom, Mario, pprova jxejjirli daqqa’ ta’ ponn lili…bdejna nitkellmu u nzommu lil xulxin halli nippruvaw nifhmu x’gara u ma garax u rajt**

**daqqa ta' ponn gejja. Jien tmejjilt u ma hadnix u jien ghidtlu li m'hemmx ghalfejn isiru dawn l-affarijiet u dak il-hin bdew jimbuttaw naqra u jistaqsu x'gara. Jien bqajt f'nofshom. Il-kaz spicca bil-pulizija." [1]**

U l-istess xhud:

**"Dif: Jista' jkun li forsi l-imputati kienu qed jippruvaw iferrqu huma stess?**
**"Xhud: Iferrqu ma kienux, wicchom lejja u jippruvaw jiehdu spjegazzjoni ghax wiehed minnhom ma tahomx spjegazzjoni dak il-hin ta' x'gara u ma garax ezatt." [2]**

Dan ix-xhud Simon Bonello hu korroborat minn Mario Barbara[3].

Wara li waslu l-membri tal-*mobile*, il-provi juru li t-tliet imputati xorta baqghu b'attitudini ta' konfrontazzjoni, din id-darba fil-konfront ta' l-istess kollegi shabhom fil-Korp tal-Pulizija. B'dan il-mod tnejn minnhom, l-appellant Mario Portelli u l-imputat li ma appellax (cioe` Buttigieg) fixklu wkoll lil dawn shabhom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom. PC 908 George Grixti jghid hekk:

**"Xhud: Inqala' argument bejnietna wkoll. X'hin konna qeghdin hemmhekk u sibna lil Sandro hemmhekk imbengel, qaghdna nistennew lil tad-distrett jigu hemmhekk. Sakemm konna qeghdin nistennew inqala' xi argument bejn huma [l-imputati] u ahna [tal-*mobile*]…gie Mario laqat lill-kollega tieghi go wiccu u argumentaw ukoll Mark [l-imputat li ma appellax] ma' Martin [PC 1563 M. Micallef]." [4]**

Dan ix-xhud hu korroborat mill-pulizija l-ohra tal-*mobile.* Mill-provi jirrizulta li f'dan it-tieni stadju ta' l-incident, cioe` meta kien hemm tal-*mobile*, l-appellant Sandro Mamo ha parti ferm anqas attiva miz-zewg shabu l-ohra, u din il-Qorti ma tasalx biex tghid li b'dak li ghamel huwa rrenda

---

[1] Fol. 62, 64.
[2] Fol. 67.
[3] Fol. 69 *et seq.*
[4] Fol. 96, 97.

ruhu hati tar-reat ipotizzat fl-imputazzjoni numru ghaxra. Ghalhekk dana Mamo ghandu jigi lliberat minn din l-imputazzjoni numru ghaxra.

Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena mressaq mill-appellant Mamo, din il-Qorti, fid-dawl tal-konkluzjoni aktar ‘l fuq milhuqa, ser tirridimensjona l-piena. Din il-Qorti ma tarax, pero`, li dan huwa kaz ta’ xi *conditional discharge*, trattandosi ta’ reati kommessi minn ufficjali tal-pulizija. It-trapass taz-zmien f’dan il-kaz huwa mmaterjali.

Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appelli interposti in parti biss, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda lill-appellanti Mamo u Portelli bil-mod segwenti:

(a) tikkonfermaha in kwantu lliberat lil Sandro Mamo mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames u d-disa’ imputazzjonijiet, kif ukoll in kwantu sabitu hati tas-seba’, tat-tmien u tal-hdax-il imputazzjonijiet, izda thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tas-sitt u ta’ l-ghaxar imputazzjoni, kif ukoll thassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta’ Euro465.87;

(b) tikkonfermaha in kwantu lliberat lil Mario Portelli mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames u d-disa’ imputazzjonijiet, kif ukoll in kwantu sabitu hati tas-seba’, tat-tmien, tal-ghaxar u tal-hdax-il imputazzjonijiet, izda thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tas-sitt imputazzjoni, kif ukoll thassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta’ Euro465.87; u

(c) minflok dawk il-pieni, tikkundanna lil <u>Sandro Mamo</u> multa ta’ tlett mija u tmienja u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (Euro348.87), konvertibbli f’disa’ u ghoxrin (29) gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi, u lil <u>Mario Portelli</u> multa ta’ erba’ mija u seba’ ewro u sebgha u tmenin centezmu (Euro407.87), konvertibbli f’hamsa u tletin (35) gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------